FACT SHEET

## L-Anzjani u l-pensjonijiet

In-numru ta' l-anzjani qieghed dejjem jikber. Fil-fatt fl-2005 kien hemm persuna 'l fuq minn 60 sena ghal kull 5 ohra (1:5.3). Dan ifisser li kien hemm madwar 19% tal-popolazzjoni 'l fuq minn 60 sena.

In-nies ta' 'l fuq minn 60 sena kienu mqassma hekk:

| Eta' | Persuni | % |
|---|---|---|
| 60-64 | 21612 | 28.44% |
| 65-69 | 17428 | 22.93% |
| 70-74 | 14426 | 18.98% |
| 75-79 | 10583 | 13.93% |
| 80-84 | 7041 | 9.27% |
| 85-89 | 3408 | 4.48% |
| 90+ | 1493 | 1.96% |
| **Total** | 75991 | |




Malli ssemmi l-anzjani, l-ewwel li tigi f'mohhna hi l-pensjoni. It-tabella li jmiss turina il-persentagg li l-pensjonijiet jieklu mill-kontribuzzjonijiet ghas-servizzi socjali.

| **Retirement and old age pensions** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| *Contributory Benefits* | | | | | |
| | **2001** | **2002** | **2003** | **2004** | **2005** |
| Retirement Pensions | 12966 | 13443 | 13774 | 14330 | 15838 |
| National Minimum Pension | 11696 | 11709 | 11377 | 11393 | 11619 |
| Increased Retirement Pension | 8626 | 7619 | 7360 | 5887 | 5631 |
| Two-thirds pension | 42494 | 45436 | 48766 | 51684 | 58373 |
| Increased National Minimum Pension | 2495 | 2445 | 2661 | 2949 | 3160 |
| Decreased National Minimum Pension | 190 | 235 | 193 | 204 | 250 |
| *Total Pensions in respect of Retirement* | 78467 | 80887 | 84132 | 86447 | 94870 |
| | | | | | |
| *Non-Contributory Benefits* | | | | | |
| | | | | | |
| Old Age Pension | 6181 | 5830 | 5887 | 6268 | 6816 |
| | | | | | |
| Total Social Security Benefits | 184448 | 190749 | 200922 | 207458 | 220830 |
| | | | | | |
| **Pensions as % of total benefits** | **45.9** | **45.5** | **44.8** | **44.7** | **46.0** |

Figuri huma Lm000s

Din it-tabella turina li l-pensjonijiet kollha f'daqqa ghadhom ma jlahhqux sa nofs il-beneficcji socjali li hemm.

**X'pensjonijiet insibu?**

Ta' min jinnota li hemm tipi differenti ta' pensjonijiet. Qabel l-1979 kien hemm in-National Minimum Pension, ir-Retirement Pension u l-Increased Retirement Pension. Normalment dawn il-pensjonijiet nirreferu ghalihom bhala flat rate pensions minhabba l-fatt li wiehed kien ihallas kontribuzzjoni bi flat rate u hekk jinghata flat rate pension skond il-medja tal-kontribuzzjonijiet li l-persuna jkun hallas matul hajtu.

Kien wara l-1979 li giet introdotta l-pensjoni taz-zewg terzi jew kif nafuha Two-Thirds Pension Scheme. Skond din l-iskema persuna ghandha thallas 1/12 tal-paga taghha fil-gimgha u jekk tkun issodisfat il-kriterji tal-kontribuzzjonijiet necessarji ghandha dritt ghall-two thirds pension.

Imbaghad ghandna wkoll dawk li nghidulhom is-Service Pensions, fejn il-beneficjarji jircievu pensjoni minghand wiehed jew aktar mill-employers precedenti taghhom. Is-service pension mhux ta' kulhadd hija l-istess u fil-fatt beneficarju li jircievi service pension jista' jircievi wahda minn dawn it-tipi ta' pensjonijiet – retirement pension, inrcreased retirement pension, decreased national minimum pension u two-thirds pension.

Fejn persuna mhux intitolat ghal service pension, dan jista' jkollu dritt ghal wahda minn dawn – national minimum pension, increased national minimum pension jew two-thirds pension.

**National minimum pension**

Din tinghata lil kull min m'ghandux dritt ghal service pension. Ir-rati huma ta' 4/5 tal-paga minima fil-kaz ta' ragel li jmantni lil martu u 2/3 tal-paga minima f'kull kaz iehor.

**Retirement pension**

F'kaz ta' persuna li tircievi service pension L-Att dwar is-Sigurta Socjali jizgura illi dan jircievi mill-anqas rata shiha ta' retirement pension skond il-medja tal-kontribuzzjonijiet li dan ikun hallas.

Il-ligi wkoll tipprovdi ghall-hlas ta' **Increased Retirement Pension,** fil-kaz li s-somma totali tas-service pension ta' persuna flimkien mar-Rata ta' Retirement Pension ikunu anqas mit-two thirds tal-pensionable income. Pensionable income huwa l-medja tal-qligh ta' l-applikant fl-ghaxar snin qabel ma jirtira.

*Data ta' Hrug: 30 ta' Novembru 2006* *Sors: National Statistics Office*